# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 431/2016 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Maxime Du Plessis**
**(ID 0047145A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 t'Ottubru, elfejn u sittax (2016) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tlett ewro u disgha u sittin centezmi (€803.69) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew pprestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont AC40093614 u AC40103226 bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja 1590/2015 tal-10 ta' Settembru, 2015 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-istess ittra kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-20 ta’ Frar, 2017, 6 ta’ Marzu, 2017 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba inkluz l-affidavit ta’ Charmaine Wiffen (fol. 16 tal-process) u l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tas-6 ta’ Marzu, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv illi ma tressqitx kopja tal-ittra ufficjali interpellatorja u kwindi ma jirrizultax jekk din gietx validament notifikata lill-intimat.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tlett ewro u disgha u sittin centezmi (€803.69) in konnessjoni ma’ servizzi elettronici ta’ komunikazzjoni li gew pprestati mis-socjeta’ attrici lill-konvenut fuq l-akkont AC40093614 u AC40103226 bl-ispejjez u drittijiet tal-procedura odjerna kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lill-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**